# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-Ewwel Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B(i) | B(ii) | B(iii) | B(iv) | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 5 | 4 | 2 | 12 | 5 | 7 | 6 | 12 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:

# MAĦTUF

Il-qassis u sħabu mxew triq twila, daqqa qalb is-siġar, daqqa fl-għelieqi u daqqa fuq il-blat iniggeż. Fl-aħħar waslu f'post mistur qalb is-siġar tal-kafè. Il-qassis beda jirrakkonta: l-irġiel waqqfuni, dahri ma' zokk ta' siġra, qaluli biex inpoġġi bilqiegħda u rabtuli idejja wara, maz-zokk. Kelli noqgħod f'dik il-pożizzjoni għal sigħat twal. Fl-aħħar xi rġiel ġew u ħaduni ħdejn kaxxa tawwalija mibnija bil-ġebel u għolja madwar żewġ piedi. "Idħol hemm ġew u mtedd," ordnawli. Sabu *T-shirt* qadim u deffsuhuli ġo rasi, u rabtuli l-għekiesi flimkien. Rabtuli wkoll idejja maċ-ċinturin tiegħi stess, fuq quddiem. Smajt lill-irġiel jaqtgħu z-zkuk u bihom bdew jgħattu l-għatu tal-kaxxa u fuqhom terġa' tefgħu l-weraq. "Orqod tajjeb!" qaluli. (par. 1)

Imma ma rqadtx. Bdejt nitkagħweġ f'dak il-ħabs tal-ġebel. Il-ġebel beda jweġġagħni, niċċaqlaq kif niċċaqlaq. Kull nifs tiegħi kien jinbidel fi sħana li terġa' lura f'wiċċi. (par. 2)

Fl-aħħar, id-dawl tal-jum ittawwal minn ġol-weraq u minn ġod-drapp li kelli fuq wiċċi. Kelli ħafna ġuħ u għatx. Fil-bogħod bdejt nisma' l-klieb jinbħu u t-tfal jgħajtu lil xulxin. Serduk beda jidden. (par. 3)

F'daqqa waħda bdejt inħoss tagħrix ġo għonqi. Kienu daru għalija n-nemel. Bdejt inħokk rasi u widnejja ma' spallejja. Staqsejt lil wieħed minn dawk li kienu qabduni u li kien baqa' għassa miegħi, "Jekk jogħġbok sinjur, daru għalija n-nemel. Ma nistax nissaporti aktar," għidtlu. "Agħlaq ħalqek u toqgħodx tiċċaqlaq," għajjat. Ippruvajt naħseb f'xi ħaġa sabiħa. Il-ħsieb li ġieni kien ta' ommi meta kienet toqgħod tkanta innijiet bl-Ingliż u bil-Ġermaniż waqt li kienet tkun issajjar fil-kċina. "Qiegħed nitlob għalik." "Titkellimx aktar," sikkitni hu b'leħen aħrax. "Ma tridnix inkantalek?" "Le. Għidtlek oqgħod kwiet," qalli. (par. 4)

Fil-kaxxa fejn kontx, kien hemm sħana kbira, l-aktar meta x-xemx kienet fl-aqwa tagħha. Ħsibt li kien madwar nofsinhar. Meta staqsejtu biex iħallini nqum bilqiegħda, ħallieni noqgħod bilqiegħda għal xi għoxrin minuta. (par. 5)

Wara rġajt imteddejt. Bqajt mimdud għal madwar siegħa u nofs oħra. Imbagħad ir-raġel qajjimni, ħalli idejja u saqajja u qalli biex inqum bilwieqfa, mingħajr ma nħares lejh. Sakemm neħħejt it-*T-shirt* minn ġo rasi, spjegali minn fejn irrid ngħaddi, mit-triq u mill-foresta. "Tħarisx lura," qalli. "Tgħid lil ħadd xi ġralek u titkellem ma' ħadd." Tani żewġ larinġiet imqaxxra u ftit flus biex nirkeb tal-linja . Miblugħ, irringrazzjajtu u offrejt li neħodlu b'idu. Hu ħadli b'idi, mingħajr ma stajt inħares lejn wiċċu. (par. 6)

(Addattament mill-istorja **Maħtuf** li dehret fir-*R+M 2000*)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. Mill-1 paragrafu semmi kundizzjoni waħda li permezz tagħha l-qassis kien f'qagħda skomda. ____________________ (1)

2. Ikteb il-frażi mill-1 paragrafu li turi li l-irġiel kienu qegħdin jgħaddu 'l-qassis biż-żmien.
____________________ (1)

3. *Kelli ħafna ġuħ u għatx.* (par. 3) Ikteb kelma waħda li tiġik f'moħħok meta taqra din il-frażi. ________________________ (1)

4. Għalkemm kien qiegħed isofri, il-qassis kien pożittiv. Fiex beda jaħseb? (par. 4)

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2)

5. Fil-paragrafu 6, xi jġagħlek taħseb li l-għassies, wara kollox, kellu qalbu tajba?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Ikteb il-verb mill-ewwel paragrafu li juri li s-silta hija waħda narrattiva.

   ______________________ (1)

2. *Smajt lill-irġiel jaqtgħu z-zkuk u bihom bdew jgħattu l-għatu tal-kaxxa u fuq**hom** terġa' tefgħu l-weraq.* (par. 1) Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fl-kelma *fuq**hom***? __________________________ (1)

3. Fit-2 paragrafu, ma' xiex qiegħed iqabbel il-kaxxa tal-ġebel li ssemmiet fl-1 paragrafu? ______________________ (1)

4. Mit-3 paragrafu ikteb il-verb li juri d-dawl qiegħed jagħmel l-azzjoni ta' persuna.

   __________________________________ (1)

5. Mill-5 paragrafu ikteb l-espressjoni li turi li x-xemx kienet taħraq ħafna.

   ____________________________________________________________ (1)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

1. Mill-paragrafi sib il-kelma li tfisser l-istess :

   a) moħbi ( par. 1 ) ~~~ ____________________

   b) mistagħġeb ( par. 6 ) ~~~ _____________________ (2)

2. Ikteb il-frażi mir-4 paragrafu li turi li l-għassies kien qiegħed jibża' jekk jinqabad li l-qassis kien qiegħed ikellmu.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2)

## (iii) SINTASSI / SENTENZI

Biddel din is-sentenza fil-plural:

1a. *F'daqqa waħda bdejt inħoss tagħrix ġo għonqi.* (par. 4)

1b. ______________________________ (1)

2. a. "Jekk jogħġbok, sinjur, daru għalija n-nemel. Ma nistax nissaporti aktar," għidtlu. (par. 4) Ibdel din is-sentenza billi ma tħallihiex fil-forma ta' diskors dirett.

b. ______________________________

______________________________ (1)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA (12-il marka)

1. Għaqqad l-artiklu mal-partiċella :

   Ir-raġel sema' ħafna ħsejjes ġejjin (minn + l-) ____________ bosk.

2. Ikteb il-kollettiv tan-nom fil-parentesi :

   Il-(werqa) ______________ jibda jisfar fil-ħarifa.

3. Ngħidu :
   a) bniedem wieħed **iżda** ħafna ______________________.
   b) siegħa waħda **iżda** ħafna ______________________.

4. Agħti l-Għadd Imtenni tal-kelma fil-parentesi :

   Fi żmien (ġimgħa) ____________________ se tiżżewweġ oħti.

5. Nissel nom fil-plural mill-kliem :
   a) imqaxxra -- ___________________
   b) staqsejt -- ___________________

6. Ikteb aġġettiv adattat għal man-nom :
   a) djar _____________________
   b) kotba ____________________

7. Agħti l-komparattiv jew is-superlattiv tal-kelma fil-parentesi kif meħtieġ:
   a) Id-dar tagħna hija (qorob) _____________ mid-dar tagħkom għall-iskola.
   b) It-tifel tal-ġara laħaq l- (għoli) ____________ kariga.
   ċ) Kamarti hija (kbira) ______________________ minn tiegħek.

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

## IDJOMI - Kuluri, Ħin u Żmien

a. Ikteb idjoma biex tfisser :

i. abjad ħafna - ______________________________

ii. jinsab imdejjaq ħafna - għandu ____________________________

iii. għajnejh kienu ħomor ħafna - ______________________________

b. Biddel f'idjoma l-kliem b'sing taħtu :

i. F'daqqa waħda bdiet nieżla xita qliel. - ______________________________

ii. Hekk kif il-vit ma baqax jaħdem, Karla riedet li żewġha jsewwihulha għax kienet tħobb li l-affarijiet isiru dak il-ħin stess. - ____________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 60 kelma.

1. Immaġina li inti siġra tal-ħawħ. Ikteb dwar ġurnata mill-ħajja tiegħek.

2. Ikteb fil-forma ta' djalogu, taħdita bejnek u l-ħabib/a dwar xi xogħol volontarju li tixtiequ tagħmlu fis-Sajf.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (6 marki)

Dwar liema suġġett ħadt pjaċir tfittex għall-proġett? Ikteb madwar 50 kelma dwaru.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 1 (12-il marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha tat-taqsimiet A u B :

A. Ikteb fl-ispazju pprovdut it-tweġibiet:

i) **Benninni ħa norqod,**
**Benninni bil-ħlewwa,**

- Lil min qiegħed jgħid dan il-kliem Rużar Briffa ? ________________________ (1)

ii) **Ġewwa fik, O Gżira tagħna,**
**Ħlief il-ħlewwa ma tidhirx** ;

- X'jisimha l-poeżija ta' Ġan Anton Vassallo li minnha ttieħdet din is-silta ?
________________________________ (1)

iii) Il-poeżija *Bjuda* ta' Dun Karm hija (sunett petrarkjan, eleġija)
______________________________________ (1)

iv) **Dil-bikja smajt ġo qalbi**
**Kif dħalt 'il ġewwa nett**

- Xi ħsieb ried iwassal Oliver Friggieri bil-poeżija *Il-Bikja Tal-Buskett* ?
_________________________________________________________________ (1)

v) Il-poeżija *Ritratt Ta' Toninu Man-Nanna* ta' Anastasju Cuschieri tibni fuq **id-differenza bejn** Toninu u nanntu. Għalhekk il-poeta qiegħed joħroġ il-____________________ bejn dawn it-tnejn min-nies. (1)

B. Agħżel poeżija **WAĦDA** mill-5 poeżiji li ssemmew fit-taqsima A u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar 6 linji. (7 marki)

## F. (ii) LETTERATURA – PROŻA (20 marka)

### ⁂ **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

1. Ikteb fi kliemek x'qalet is-Sinjura Lwiża lil bintha dwar it-tfal li kienu jmorru jilagħbu taħt it-tieqa tagħha. ______________________________

______________________________ (1)

2. Għaliex Mojra ħarġet mill-ħanut taż-żraben bid-dmugħ f'għajnejha ?

______________________________

______________________________ (1)

3. "Tibżax, jien għada nerġa' nkun hemm u mqar jekk ma jkunx hemm ittri għalih nitolbu jiffirmali mill-ġdid." X'ġara l-għada u fejn kien iffirma x-Xiħ tal-bastun ?

______________________________

______________________________ (1)

### ⁂ **Fra Martin u Novelli Oħra** ta' Ġuże` Chetcuti

1. X'kienet l-istorja vera dwar l-istatwa tal-Madonna bi driegħha mtajjar fl-istorja *Fra Martin* ?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (1)

2. X'kien ix-xogħol ta' Toninu li kien magħruf li jħobb idoqq il-qniepen?

______________________________

______________________________ (1)

3. Kif tispiċċa l-istorja *Il-Karus* ? ______________________________

______________________________ (1)

### ⁂ **Stejjer tal-Linka** ta' l-Aġenzija Sedqa

1. Kif kien jitgħallem it-tifel b'mod differenti fl-istorja li ġġib dan l-istess isem ?

______________________________

______________________________ (1)

2. *Fit-triq lejn l-iskola* - X'differenza kien jara l-awtur bejn il-lezzjoni mas-Sur Gabarretta u dik ma' Miss Schembri ?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

3. Fil-poeżija *Problema,* x'kienet il-problema li kienet qiegħda tkidd lill-istudenta ?

_______________________________________________ (1)

4. Fil-kitba *L-iskola tagħna*, liema ġurnata hija l-iżjed għal qalb it-tifel ? Għaliex ?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

## ☀ **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (10 marki)

Agħżel karattru li għoġbok l-iżjed mir-rumanz u f'madwar 8 linji ikteb dwar is-sehem tiegħu fil-ġrajja.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. X'laqatni meta mort il-baħar ma' tal-familja nhar il-Ħadd li għadda.
2. Ġew xi ħbieb tal-familja mill-Ingilterra. Irrakkonta dwar minn xiex għaddejtu inti u l-familja kemm dawn damu Malta.
3. Is-sajf ma jfissirx biss ġiri 'l barra iżda nista' ngħin ukoll f'xogħol volontarju. Ikkummenta.
4. Il-*Barbeque* li kien organizzat mill-familja tiegħi.
5. Irbaħt biljett għal tnejn min-nies biex issiefru lejn pajjiż li tagħżel int. Kieku int ma' min issiefer u liema pajjiż tagħżel? Ikteb dwar dan u agħti r-raġunijiet tiegħek.